# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Illum, il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016**

**Rikors numru 206/16 AF**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**v.**

**Saviour Borg u Rita Borg**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat quddiem din il-Qorti mir-rikorrent [il-Kummissarju] fis-17 ta' Mejju 2016, wara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 2016 [is-sentenza appellata], li permezz tieghu l-Kummissarju qed jitlob l-ezekuzzjoni provvizorja ta' dik is-sentenza fit-termini tal-Artikolu 266 [1] u [6,] tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Il-fatti relevanti huma dawn. Wara ittra ufficjali prezentata fl-1 ta' Awwissu 2011 mill-Kummissarju a tenur tal-Artikolu 466 [2] tal-istess kodici, li permezz taghha huwa qed jippretendi minghand l-intimati s-somma ta' €145,770.19 rapprezentanti skadenzi ta' kera relatata mas-servizzi ta' catering fl-Isptar Generali, l-intimati prezentaw rikors fis-26 ta' Awissu 2011 li permezz tieghu talbu lill-ewwel Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja li l-ammont fuq indikat pretiz mill-Kummissarju mhuwiex dovut mill-intimati.

Fir-rikors odjern tieghu l-Kummissarju qed isostni li t-talba tieghu ghall-ezekuzzjoni provvizorju tas-sentenza appellata hija msejjsa fuq il-konsiderazzjoni li "*mhux fl-interess tal-amministrazzjoni pubblika tal-pajjiz li din is-sentenza tibqa' ma tghaddix in gudikat ghal perijodu itwal ta' zmien*". Huwa jilmenta li l-intimati "*ghogobhom jappellaw mis-sentenza*" bir-rizultat li ser ikun hemm dewmien fil-hlas tas-somma pretiza minnu u li, minkejja li ser jibqghu jakkumulaw imghaxijiet fuq din is-somma, dan id-dewmien "*m'hu fl-interes ta' hadd specjalment tal-[Kummissarju] li ghandu kull interess li jigbor il-flus dovuti lilu*".

Min-naha taghhom l-intimati jopponu ghat-talba tal-Kummissarju u jsejjsu l-oppozizzjoni taghhom fuq zewg konsiderazzjonijiet principali: li l-ezekuzzjoni provvizorja tas-sentenza appellata ser tikkreja pregudizzju kbir lilhom u li dan il-pregudizzju ser ikun akbar minn dak li ser isofri l-

Kummissarju jekk it-talba tieghu ma tintlaqax; ukoll li ghaz-zmien li jghaddi sakemm il-proceduri jigu finalment konkluzi qed jaghmel tajjeb l-imghax tat-8% fuq is-somma pretiz. Ghalhekk isostnu li l-Kummissarju mhu qed ibati ebda pregudizzju.

Din il-Qorti tosserva li l-artikolu relevanti ghat-talba li ghandha quddiemha huwa l-Artikolu 266 [7] tal-imsemmi kodici li jaqra hekk:

> "Il-qorti ghandha tiddikjara li is-sentenza tkun esegwibbli provvizorjament jekk tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni skond is-subartikolu 1 milli dik l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja".

Applikata din id-dispozizzjoni ghall-kaz odjern jirrizzulta car li jekk l-intimati jigu mgieghla jhallsu provvizorjament is-somma ingenti fuq indikata huwa zgur ser isofru pregudizzju akbar mill-Kummissarju, anke ghaliex favur dan tal-ahhar qed jiddekorru l-imghaxijiet ta' 8% u allura l-pregudizzju li talvolta jista' jbaghti l-Kummissarju, mhux ser ikun daqshekk kbir.

Fl-ahhar nett din il-Qorti ma tistax ma tosservax it-termini infelici li bih gie redatt ir-rikors odjern f'dik il-parti li tghid li "il-konjugi Borg ghogobhom jappellaw". Dan qed jigi rilevat ghax donnu l-Kummissarju qed jattribwixxi d-dewmien fuq l-intimati li qisu dawn appellaw b'kapricc. Fir-rigward din il-Qorti tissenjala li meta l-intimati appellaw huma ezercitaw dritt li taghtihom il-ligi u ghalhekk ma ghandhomx jigu

bjazimati ghax deherilhom li kellhom jezercitaw jedd moghti lilhom fid-dritt procedurali. Din il-konsiderazzjoni tkompli tissahhah bil-fatt li s-somma pretiza mill-Kummissarju hija wahda ingenti.

Ghaldaqstant tqies it-talba tal-Kummissarju legalment u fattwalment insostenibbli u tichadha, bl-ispejjez ta' dan l-episodju jkunu kollha a kariku tal-Kummissarju.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb